FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 9 TA' SETTEMBRU, 1996

Avviz Nru.198/96

Gugarell Limited

vs

Daniela Bartolo

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' April, 1996, fejn intalab: il-hlas ta' disgha u sittin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm69.95c) dovuta fuq prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u konsenjata;

Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma pprezentatx risposta fir-rigward u lanqas ma dehret:

Semgha x-xhieda ta' Dr Simon Galea Testaferrata ghas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont intier ghadu dovut;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra li: jirrizulta soddisfacentement pruvat li l-ammont ghadu dovut;

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddiciedi:

li jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' disgha u sittin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm69.95), kif inghad;

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

Dr. Joseph Refalo LL.D.
Gudikatur.

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.